SENTENZA TAL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla Estiża)

5 ta' Frar 2025*

"Dritt istituzzjonali – Nuqqas ta' eżekuzzjoni parzjali ta' digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja li jagħti ordni ta' natura provviżorja fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu – Pagamenti ta' penalità – Irkupru ta' krediti permezz ta' tpaċija – L-Artikolu 101(1) u l-Artikolu 102 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 – Ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali"

Fil-Kawżi T-830/22 u T-156/23,

Ir-Repubblika tal-Polonja, irrappreżentata minn B. Majczyna u S. Żyrek, bħala aġenti,

rikorrenti,

vs

Il-Kummissjoni Ewropea, irrappreżentata minn O. Verheecke, J. Estrada de Solà u K. Herrmann, bħala aġenti,

konvenuta,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla Estiża),

komposta minn A. Marcoulli, Presidenta, J. Schwarcz, V. Tomljenović, W. Valasidis (Relatur) u L. Spangsberg Grønfeldt, Imħallfin,

Reġistratur: M. Zwozdziak-Carbonne, amministratriċi,

wara li rat il-fażi bil-miktub tal-proċedura, b'mod partikolari, fil-Kawża T-156/23:

– l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni mqajma mill-Kummissjoni permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fit-8 ta' Ġunju 2023,

– l-osservazzjonijiet tar-Repubblika tal-Polonja dwar l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti Ġenerali fl-24 ta' Lulju 2023,

– id-digriet għal tgħaqqid tal-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni mal-mertu tal-25 ta' Ottubru 2023,

wara s-seduta tat-3 ta' Lulju 2024,

* Lingwa tal-kawża: il-Pollakk.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Permezz tar-rikorsi tagħha bbażati fuq l-Artikolu 263 TFUE, ir-Repubblika tal-Polonja titlob l-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea tat-12 ta' Ottubru u tat-23 ta' Novembru 2022, fil-Kawża T-830/22, u tat-13 ta' Jannar 2023, fil-Kawża T-156/23, ta' rkupru permezz ta' tpaċija tas-somom dovuti minnha abbażi tal-pagamenti ta' penalità ta' kuljum imposti mill-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja fid-digriet tas-27 ta' Ottubru 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:878), għall-perijodi inklużi bejn, minn naħa, il-15 ta' Lulju u d-29 ta' Awwissu 2022 u, min-naħa l-oħra, it-30 ta' Awwissu u t-28 ta' Ottubru 2022 (iktar 'il quddiem, meħuda flimkien, id-"deċiżjonijiet ikkontestati").

Il-fatti li wasslu għall-kawża

2 Peress li qieset li, billi adottat l-ustawa o zmianie ustawy – Prawo o ustroju sądów powszechnych, ustawy o Sądzie Najwyższym oraz niektórych innych ustaw (il-Liġi li Temenda l-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji, il-Liġi dwar il-Qorti Suprema u Ċerti Liġijiet Oħra) tal-20 ta' Diċembru 2019 (Dz. U. tal-2020, pożizzjoni 190), ir-Repubblika tal-Polonja kienet naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dritt tal-Unjoni Ewropea, il-Kummissjoni ppreżentat, fl-1 ta' April 2021, rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 258 TFUE, li ġie rreġistrat bin-numru C-204/21.

3 Fl-istess ħin, il-Kummissjoni ressqet talba għal miżuri provviżorji skont l-Artikolu 279 TFUE.

4 Permezz tad-digriet tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:593), il-Viċi Presidenta tal-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet din it-talba, billi ordnat lir-Repubblika tal-Polonja, sal-għoti tas-sentenza li ttemm l-istanza fil-Kawża C-204/21, tissospendi kemm l-applikazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet nazzjonali introdotti mil-Liġi li Temenda l-Liġi dwar l-Organizzazzjoni tal-Qrati Ordinarji, il-Liġi dwar il-Qorti Suprema u Ċerti Liġijiet Oħra, kif ukoll l-effetti tad-deċiżjonijiet tal-Izba Dyscyplinarna (l-Awla Dixxiplinari) tas-Sąd Najwyższy (il-Qorti Suprema, il-Polonja) li awtorizzat il-ftuħ ta' proċeduri kriminali kontra mħallef jew l-arrest tiegħu. Il-Viċi Presidenta tal-Qorti tal-Ġustizzja ordnatilha wkoll tikkomunika lill-Kummissjoni, mhux iktar tard minn xahar wara l-komunikazzjoni tad-digriet tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:593), il-miżuri kollha adottati sabiex tikkonforma ruħha b'mod sħiħ ma' dan id-digriet.

5 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fis-16 ta' Awwissu 2021, ir-Repubblika tal-Polonja talbet li d-digriet tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:593), jiġi rrevokat. Din it-talba ġiet miċħuda bid-digriet tas-6 ta' Ottubru 2021, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni (C-204/21 R, EU:C:2021:834).

6 Peress li qieset li r-Repubblika tal-Polonja ma kinitx adottat il-miżuri kollha imposti mid-digriet tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:593), il-Kummissjoni ressqet, fis-7 ta' Settembru 2021, talba ġdida għal miżuri provviżorji, intiża sabiex ir-Repubblika tal-Polonja tiġi kkundannata tħallas pagamenti ta' penalità ta' kuljum.

7 Permezz tad-digriet tas-27 ta' Ottubru 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:878), il-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja kkundanna lir-Repubblika tal-Polonja tħallas lill-Kummissjoni pagamenti ta' penalità ta' EUR 1 000 000 kuljum, mid-data tal-komunikazzjoni ta' dan id-digriet lir-Repubblika tal-Polonja u sal-jum li fih hija tkun ikkonformat ruħha mal-obbligi li jirriżultaw mid-digriet tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:593), jew, fin-nuqqas ta' dan, sal-jum tal-għoti tas-sentenza li ttemm l-istanza fil-Kawża C-204/21.

8 Fin-nuqqas ta' informazzjoni li tikkonferma l-eżekuzzjoni, mill-awtoritajiet Pollakki, tal-obbligi kollha li jirriżultaw mid-digriet tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:593), il-Kummissjoni kkalkolat kreditu ta' EUR 1 000 000 kuljum mit-3 ta' Novembru 2021, data tal-komunikazzjoni tad-digriet tas-27 ta' Ottubru 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:878).

9 Permezz ta' ittra tal-15 ta' Ġunju 2022, ir-Repubblika tal-Polonja informat lill-Kummissjoni li l-adozzjoni tal-ustawa o zmianie ustawy o Sądzie Najwyższym oraz niektórych innych ustaw (il-Liġi li Temenda l-Liġi dwar il-Qorti Suprema u Ċerti Liġijiet Oħra), tad-9 ta' Ġunju 2022 (Dz. U., pożizzjoni 1259, iktar 'il quddiem il-"Liġi tad-9 ta' Ġunju 2022"), kienet ippermettiet l-implimentazzjoni tal-miżuri imposti mid-digriet tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:593), u li, konsegwentement, il-Kummissjoni ma setgħetx iktar, mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-imsemmija liġi, jiġifieri mill-15 ta' Lulju 2022, teżiġi l-ħlas tal-pagamenti ta' penalità ta' kuljum imposti mid-digriet tas-27 ta' Ottubru 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:878).

10 Permezz ta' ittra tal-20 ta' Lulju 2022, il-Kummissjoni qieset li, minkejja l-progress li sar fuq ċerti kwistjonijiet speċifiċi, ir-Repubblika tal-Polonja ma kinitx ikkonformat ruħha b'mod sħiħ mal-obbligi li jirriżultaw mid-digriet tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:593).

Proċedura għall-ħlas tal-krediti dovuti fir-rigward tal-pagamenti ta' penalità ta' kuljum għall-perijodu mill-15 ta' Lulju sad-29 ta' Awwissu 2022, li jikkorrispondi għad-dejn ikkontestat mir-Repubblika tal-Polonja fil-Kawża T-830/22

11 Permezz tal-ittri tas-27 ta' Lulju u tad-29 ta' Awwissu 2022, il-Kummissjoni talbet lir-Repubblika tal-Polonja tħallas id-diversi somom dovuti skont il-pagamenti ta' penalità ta' kuljum imposti mill-Qorti tal-Ġustizzja u indikatilha li, fil-każ ta' nuqqas ta' ħlas, hija kienet ser tipproċedi għall-irkupru tagħhom permezz ta' tpaċija, bis-saħħa tal-Artikolu 101(1) u tal-Artikolu 102 tar-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU 2018, L 193, p. 1 u rettifika fil-ĠU 2019, L 60, p. 36, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Finanzjarju").

12 Sussegwentement, il-Kummissjoni intimat lir-Repubblika tal-Polonja sabiex tħallas l-imsemmija somom flimkien mal-interessi moratorji.

13 Permezz tad-deċiżjonijiet tat-12 ta' Ottubru u tat-23 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni informat lir-Repubblika tal-Polonja li hija kienet tipprevedi tpaċija tad-dejn totali tagħha ta' EUR 63 210 000 bi krediti differenti miżmuma minnha fir-rigward tal-Unjoni.

Proċedura għall-ħlas tal-kreditu dovut fir-rigward tal-pagamenti ta' penalità ta' kuljum għall-perijodu mit-30 ta' Awwissu sat-28 ta' Ottubru 2022, li jikkorrispondi għad-dejn ikkontestat mir-Repubblika tal-Polonja fil-Kawża T-156/23

14 Permezz ta' ittri tat-30 ta' Settembru u tat-28 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni talbet lir-Repubblika tal-Polonja tħallas id-diversi somom dovuti bħala pagamenti ta' penalità ta' kuljum imposti mill-Qorti tal-Ġustizzja.

15 Sussegwentement, il-Kummissjoni intimat lir-Repubblika tal-Polonja sabiex tħallas l-imsemmija somom flimkien mal-interessi moratorji.

16 Permezz tad-deċiżjoni tat-13 ta' Jannar 2023, il-Kummissjoni informat lir-Repubblika tal-Polonja li hija kienet tipprevedi tpaċija tad-dejn tagħha għal ammont totali ta' EUR 60 270 027.40 bi kreditu li hija kellha fil-konfront tal-Unjoni taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG).

Fatti li seħħew wara l-preżentata tar-rikors

17 Fl-10 ta' Marzu 2023, peress li qieset li d-dħul fis-seħħ tal-Liġi tad-9 ta' Ġunju 2022 kien jikkostitwixxi bidla fiċ-ċirkustanzi, ir-Repubblika tal-Polonja talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrevoka jew, sussidjarjament, temenda d-digriet tas-27 ta' Ottubru 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:878), skont l-Artikolu 163 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

18 Permezz tad-digriet tal-21 ta' April 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u Ħajja Privata tal-Imħallfin) (C-204/21 R-RAP, EU:C:2023:334), l-ammont tal-pagamenti ta' penalità impost mid-digriet tas-27 ta' Ottubru 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:878), tnaqqas għal EUR 500 000 kuljum mid-data tal-iffirmar tal-imsemmi digriet.

19 Permezz tas-sentenza tal-5 ta' Ġunju 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u Ħajja Privata tal-Imħallfin) (C-204/21, EU:C:2023:442), il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet ir-rikors ippreżentat mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 258 TFUE u kkonstatat in-nuqqasijiet tar-Repubblika tal-Polonja.

It-talbiet tal-partijiet

20 Ir-Repubblika tal-Polonja titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tannulla d-deċiżjonijiet ikkontestati;

– sussidjarjament, u wara d-digriet tal-21 ta' April 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u Ħajja Privata tal-Imħallfin) (C-204/21 R-RAP, EU:C:2023:334), tannulla parzjalment id-deċiżjonijiet ikkontestati, sa fejn dawn jirrigwardaw 50 % tal-krediti li fir-rigward tagħhom twettqet tpaċija;

– tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

21 Il-Kummissjoni essenzjalment titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

– tiċħad ir-rikorsi peress li ġew ippreżentati quddiem qorti li ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni tagħhom;

– sussidjarjament, tiċħad ir-rikorsi bħala infondati;

– tikkundanna lir-Repubblika tal-Polonja għall-ispejjeż.

Id-dritt

22 Wara li l-partijiet nstemgħu matul is-seduta fuq dan il-punt, il-Qorti Ġenerali tiddeċiedi li tgħaqqad dawn il-kawżi għall-finijiet tas-sentenza, konformement mal-Artikolu 68(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.

Fuq il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali

23 Il-Kummissjoni teċċepixxi n-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali sabiex tieħu konjizzjoni ta' dawn ir-rikorsi. Hija ssostni li, minkejja li r-rikorsi għal annullament huma diretti kontra deċiżjonijiet ta' tpaċija tal-Kummissjoni, dawn ma jirrigwardawx il-kundizzjonijiet formali ta' tpaċija tal-ammonti previsti fl-Artikolu 101(1) u fl-Artikolu 102 tar-Regolament Finanzjarju, iżda huma intiżi, fir-realtà, sabiex il-Qorti Ġenerali tiddetermina jekk, wara d-dħul fis-seħħ tal-Liġi tad-9 ta' Ġunju 2022, tkomplix jinħoloq dejn fir-rigward tal-pagamenti ta' penalità ta' kuljum ta' EUR 1 000 000 li ġew imposti mid-digriet tas-27 ta' Ottubru 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:878).

24 Il-Kummissjoni ssostni li l-eżami tar-rikorsi jwassal, għall-Qorti Ġenerali, sabiex tevalwa jekk ir-Repubblika tal-Polonja eżegwietx, permezz tal-Liġi tad-9 ta' Ġunju 2022, il-miżuri provviżorji imposti fuqha permezz tad-digriet tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:593), fil-kuntest ta' proċedura ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu skont l-Artikolu 258 TFUE. Issa, skont il-Kummissjoni, mid-dispożizzjonijiet tat-Trattat FUE jirriżulta li kull evalwazzjoni tal-eżekuzzjoni tal-miżuri provviżorji taqa' taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva tal-Imħallef għal miżuri provviżorji. Waqt is-seduta, bi tweġiba għal mistoqsija tal-Qorti Ġenerali, il-Kummissjoni sostniet li d-deroga mill-ġurisdizzjoni applikabbli għar-rikorsi relatati man-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja mogħtija skont l-Artikolu 260(2) TFUE kienet tapplika, b'analoġija, f'dan il-każ.

25 Ir-Repubblika tal-Polonja tikkontesta l-argumenti tal-Kummissjoni.

26 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-kompetenzi tal-Qorti Ġenerali huma dawk elenkati fl-Artikolu 256 TFUE, kif ippreċiżat mill-Artikolu 51 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Mill-ewwel sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 256(1) TFUE jirriżulta li l-Qorti Ġenerali għandha ġurisdizzjoni sabiex tieħu konjizzjoni fl-ewwel istanza tar-rikorsi msemmija b'mod partikolari fl-Artikolu 263 TFUE, bl-eċċezzjoni ta' dawk li l-imsemmi statut jirriżerva lill-Qorti tal-Ġustizzja.

27 Barra minn hekk, skont l-Artikolu 5 (c) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, huma rriżervati għall-Qorti tal-Ġustizzja, b'deroga mir-regola stabbilita fl-Artikolu 256(1) TFUE, ir-rikorsi għal annullament imsemmija fl-Artikolu 263 TFUE meta jkunu ppreżentati minn Stat Membru u ppreżentati kontra att tal-Kummissjoni dwar in-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 260(2) jew it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 260(3) TFUE.

28 F'dan il-każ, għandu jiġi kkonstatat li r-Repubblika tal-Polonja titlob l-annullament tad-deċiżjonijiet li permezz tagħhom il-Kummissjoni wettqet tpaċija tas-somom dovuti minn dan l-Istat Membru bħala pagamenti ta' penalità imposti mill-Imħallef għal miżuri provviżorji tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kuntest tal-ġurisdizzjoni li huwa għandu taħt l-Artikolu 279 TFUE. Il-pagamenti ta' penalità ġew għalhekk imposti fil-kuntest ta' proċedura għal miżuri provviżorji anċillari għal rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentat abbażi tal-Artikolu 258 TFUE.

29 Dawn ir-rikorsi, ippreżentati abbażi tal-Artikolu 263 TFUE, jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali peress li d-derogi previsti fl-Artikolu 256 TFUE, kif ippreċiżat mill-Artikolu 51 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, ma japplikawx f'dan il-każ.

30 B'mod partikolari, kuntrarjament għal dak li sostniet il-Kummissjoni waqt is-seduta, id-deroga li tikkonċerna r-rikorsi għal annullament ippreżentati kontra att tal-Kummissjoni li jirrigwarda n-nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 260(2) TFUE ma hijiex applikabbli, b'analoġija, f'dan il-każ. Fil-fatt, bħala deroga mill-prinċipju ġenerali tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti Ġenerali skont l-Artikolu 256(1) TFUE, l-Artikolu 51(c) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat b'mod strett.

31 Konsegwentement, l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' ġurisdizzjoni mqajma mill-Kummissjoni ma hijiex fondata u għandha tiġi miċħuda.

Fuq il-mertu

Fuq il-kap tat-talbiet, iffurmulat prinċipalment, intiż għall-annullament tad-deċiżjonijiet ikkontestati kollha

32 Insostenn tat-talbiet tagħha intiżi għall-annullament totali tad-deċiżjonijiet ikkontestati, ir-Repubblika tal-Polonja tinvoka motiv wieħed, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 101 u 102 tar-Regolament Finanzjarju, moqrija flimkien mal-Artikolu 98 tal-istess regolament, sa fejn il-Kummissjoni applikat proċedura ta' rkupru permezz ta' tpaċija minkejja l-ineżistenza tad-dejn tar-Repubblika tal-Polonja.

33 Sabiex jiġi stabbilit li waħda mill-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni tat-tpaċija, jiġifieri l-eżistenza tad-dejn innifsu, ma hijiex issodisfatta, ir-Repubblika tal-Polonja tressaq żewġ sensiliet ta' argumenti.

34 Fl-ewwel lok, ir-Repubblika tal-Polonja tinvoka s-sentenza tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Polonja), fil-Kawża P 7/20, li fiha din il-qorti ddeċidiet li, billi adottat, abbażi tal-Artikolu 279 TFUE, miżuri provviżorji dwar l-organizzazzjoni u l-ġurisdizzjoni tal-qrati Pollakki, kif ukoll il-proċedura quddiem dawn tal-aħħar, u billi imponiet, b'dan il-mod, obbligi fuq

ir-Repubblika tal-Polonja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet *ultra vires*. Konsegwentement, tali miżuri ma humiex koperti mill-prinċipji ta' supremazija u ta' applikabbiltà diretta tad-dritt tal-Unjoni stabbiliti fl-Artikolu 91(1) sa (3) tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika tal-Polonja.

35 Ir-Repubblika tal-Polonja ssostni, essenzjalment, li, fid-dawl tas-sentenza tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), fil-Kawża P 7/20, id-digriet tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:593), imur kontra l-ordni kostituzzjonali Pollakk. Konsegwentement, ir-Repubblika tal-Polonja ma kinitx obbligata teżegwixxi l-miżuri provviżorji imposti fuqha minn dan id-digriet. Hija żżid li l-interpretazzjoni li tgħid li l-qrati kostituzzjonali tal-Istati Membri għandhom ġurisdizzjoni sabiex jistħarrġu l-atti *ultra vires* tal-Unjoni, inklużi s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja, ġiet adottata mill-qrati kostituzzjonali ta' diversi Stati Membri.

36 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jitfakkar li d-dispożizzjonijiet nazzjonali dwar l-organizzazzjoni tal-ġustizzja fl-Istati Membri jistgħu jkunu s-suġġett ta' stħarriġ fid-dawl tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 19(1) TUE, fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, kif ukoll, konsegwentement, ta' miżuri provviżorji intiżi, b'mod partikolari, għas-sospensjoni tal-imsemmija dispożizzjonijiet, ordnati mill-Qorti tal-Ġustizzja, skont l-Artikolu 279 TFUE, fl-istess kuntest (digriet tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:593, punt 54). Kif il-Viċi Presidenta tal-Qorti tal-Ġustizzja diġà rrilevat fil-punt 23 tad-digriet tas-6 ta' Ottubru 2021, Il-Polonja vs Il-Kummissjoni (C-204/21 R, EU:C:2021:834), il-fatt li qorti kostituzzjonali nazzjonali tiddikjara li tali miżuri provviżorji huma kuntrarji għall-ordni kostituzzjonali tal-Istat Membru kkonċernat bl-ebda mod ma jbiddel din l-evalwazzjoni.

37 Mill-kunsiderazzjonijiet preċedenti jirriżulta li s-sentenza tat-Trybunał Konstytucyjny (il-Qorti Kostituzzjonali), fil-Kawża P 7/20, ma hijiex ta' natura li tikkontesta l-evalwazzjonijiet li jinsabu fid-digriet tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:593), u lanqas, għaldaqstant, ir-realtà tal-krediti kontenzjużi.

38 Fit-tieni lok, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li, minħabba d-dħul fis-seħħ, fil-15 ta' Lulju 2022, tal-Liġi tad-9 ta' Ġunju 2022, id-dispożizzjonijiet nazzjonali msemmija fid-digriet tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:593), ma baqgħux japplikaw u li, għaldaqstant, il-kalkolu tal-pagamenti ta' penalità ta' kuljum mill-Kummissjoni, għall-perijodi ta' wara l-15 ta' Lulju 2022, ma hijiex ibbażata fuq id-digriet tas-27 ta' Ottubru 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:878).

39 Għandu jiġi kkonstatat li, permezz ta' dan l-argument, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni, essenzjalment, li l-adozzjoni tal-Liġi tad-9 ta' Ġunju 2022 kienet suffiċjenti sabiex tiżgura l-eżekuzzjoni tal-miżuri provviżorji kollha stabbiliti fid-digriet tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:593).

40 Issa, din il-kwistjoni diġà ġiet eżaminata mill-Imħallef għal miżuri provviżorji fid-digriet tal-21 ta' April 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u Ħajja Privata tal-Imħallfin) (C-204/21 R-RAP, EU:C:2023:334). B'mod partikolari, il-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja ddeċieda li l-miżuri implimentati mir-Repubblika tal-Polonja wara l-iffirmar tad-digriet tas-27 ta' Ottubru 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:878), kienu ta' natura li jiżguraw, b'mod notevoli, l-eżekuzzjoni tal-miżuri provviżorji stabbiliti fid-digriet tal-14 ta'

Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:593). Hija għalhekk ikkonkludiet li, minkejja l-adozzjoni tal-Liġi tad-9 ta' Ġunju 2022, ir-Repubblika tal-Polonja ma kinitx ikkonformat ruħha b'mod sħiħ mal-obbligi li jirriżultaw minn dan id-digriet.

41 Għaldaqstant, fid-dawl tad-digriet tal-21 ta' April 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u Ħajja Privata tal-Imħallfin) (C-204/21 R-RAP, EU:C:2023:334), l-argument tar-Repubblika tal-Polonja bbażat fuq il-Liġi tad-9 ta' Ġunju 2022 għandu jiġi miċħud.

42 Minn dan isegwi li l-eżami tal-argument ippreżentat prinċipalment mir-Repubblika tal-Polonja intiż għall-annullament tad-deċiżjonijiet ikkontestati kollha ma żvela ebda ksur mill-Kummissjoni tal-Artikoli 101 u 102 tar-Regolament Finanzjarju, moqrija flimkien mal-Artikolu 98 tal-istess regolament.

43 Konsegwentement, il-kap tat-talbiet intiż għall-annullament tad-deċiżjonijiet ikkontestati kollha għandu jiġi miċħud.

Fuq il-kap tat-talbiet, ifformulat sussidjarjament, intiż għall-annullament parzjali tad-deċiżjonijiet kkontestati

44 Sussidjarjament, wara d-digriet tal-21 ta' April 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u Ħajja Privata tal-Imħallfin) (C-204/21 R-RAP, EU:C:2023:334), ir-Repubblika tal-Polonja titlob lill-Qorti Ġenerali tannulla d-deċiżjonijiet ikkontestati sa fejn dawn jirrigwardaw 50 % tal-krediti li fir-rigward tagħhom twettqet tpaċija. Hekk kif ikkonfermat ir-Repubblika tal-Polonja waqt is-seduta bi tweġiba għal mistoqsija magħmula mill-Qorti Ġenerali, dan il-kap tat-talbiet għandu jinftiehem bħala talba għall-annullament parzjali tad-deċiżjonijiet ikkontestati.

45 Ir-Repubblika tal-Polonja tinvoka żewġ motivi, ibbażati, l-ewwel wieħed, fuq ksur tal-Artikolu 279 TFUE u tal-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' ugwaljanza quddiem il-liġi u ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva u, it-tieni wieħed, fuq ksur tal-Artikoli 101 u 102 tar-Regolament Finanzjarju, moqrija flimkien mal-Artikolu 98 tal-istess regolament, sa fejn il-Kummissjoni applikat proċedura ta' rkupru permezz ta' tpaċija, filwaqt li l-miżuri implimentati mir-Repubblika tal-Polonja kienu jiżguraw fil-parti l-kbira l-eżekuzzjoni tal-miżuri provviżorji imposti bid-digriet tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:593). Fid-dawl tas-sovrappożizzjonijiet bejn iż-żewġ motivi, dawn għandhom jiġu eżaminati flimkien.

46 Ir-Repubblika tal-Polonja tfakkar li, permezz tad-digriet tal-21 ta' April 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u Ħajja Privata tal-Imħallfin) (C-204/21 R-RAP, EU:C:2023:334), l-ammont tal-pagamenti ta' penalità imposti mid-digriet tas-27 ta' Ottubru 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:878), tnaqqas għal EUR 500 000 kuljum mid-data tal-iffirmar tal-imsemmi digriet, jiġifieri l-21 ta' April 2023. Hija ssostni li ċ-ċirkustanzi li wasslu għall-konstatazzjoni tal-eżekuzzjoni, b'mod notevoli, tal-miżuri provviżorji stabbiliti fid-digriet tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:593), u li ġġustifikaw it-tnaqqis ta' nofs l-ammont ta' dawn il-pagamenti ta' penalità ta' kuljum kienu jeżistu qabel id-digriet tal-21 ta' April 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u Ħajja Privata tal-Imħallfin) (C-204/21 R-RAP, EU:C:2023:334). Skont ir-Repubblika tal-Polonja, l-eżekuzzjoni tal-pagamenti ta' penalità fl-ammont sħiħ tagħhom għall-perijodu mill-15 ta' Lulju 2022 sat-28 ta' Ottubru 2022 kienet, konsegwentement, kuntrarja għall-prinċipju ta' proporzjonalità u kienet tmur kontra l-għan tal-miżuri provviżorji, li jikkonsisti f'li tiġi ggarantita l-eżekuzzjoni tad-digriet tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:593), kif ukoll l-effikaċja tas-sentenza futura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

47 B'mod partikolari, ir-Repubblika tal-Polonja ssostni li, billi kkalkolat pagamenti ta' penalità ta' EUR 1 000 000 kuljum għall-perijodu mill-15 ta' Lulju sat-28 ta' Ottubru 2022, minkejja l-progress imwettaq fl-eżekuzzjoni tal-miżuri provviżorji, il-Kummissjoni marret lil hinn minn dak li kien neċessarju sabiex jintlaħaq l-għan tal-effettività tas-sentenza futura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għalhekk, il-pagamenti ta' penalità ta' kuljum ikkalkolati mill-Kummissjoni jieħdu n-natura ta' "nofs sanzjoni", fatt li jmur kontra l-Artikolu 279 TFUE. Ir-Repubblika tal-Polonja żżid li 50 % tal-kreditu li fir-rigward tiegħu twettqet tpaċija ma kienx għadu jikkostitwixxi dejn eżistenti fis-sens tal-Artikoli 101 u 102 tar-Regolament Finanzjarju.

48 Skont ir-Repubblika tal-Polonja, il-Kummissjoni kienet obbligata, bis-saħħa tad-digriet tas-27 ta' Ottubru 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:878), li jimponi l-pagamenti ta' penalità inkwistjoni, li tistħarreġ b'mod kontinwu l-grad ta' implimentazzjoni tal-miżuri provviżorji u li tieħdu inkunsiderazzjoni fid-deċiżjonijiet ta' tpaċija tagħha.

49 Il-Kummissjoni tikkontesta l-argumenti tar-Repubblika tal-Polonja.

50 Permezz tal-argument tagħha, ir-Repubblika tal-Polonja tikkritika lill-Kummissjoni, essenzjalment, talli rkuprat it-totalità tas-somom dovuti bħala pagamenti ta' penalità ta' kuljum għall-perijodu mill-15 ta' Lulju sat-28 ta' Ottubru 2022, filwaqt li, kif ikkonferma d-digriet tal-21 ta' April 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u Ħajja Privata tal-Imħallfin) (C-204/21 R-RAP, EU:C:2023:334), ir-Repubblika tal-Polonja eżegwixxiet fil-parti l-kbira tagħha, permezz tal-Liġi tad-9 ta' Ġunju 2022, il-miżuri provviżorji imposti fuqha permezz tad-digriet tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:593).

51 Preliminarjament, sa fejn ir-Repubblika tal-Polonja tirreferi għad-digriet tal-21 ta' April 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u Ħajja Privata tal-Imħallfin) (C-204/21 R-RAP, EU:C:2023:334), li huwa sussegwenti għad-deċiżjonijiet ikkontestati u għalhekk ma setax jittieħed inkunsiderazzjoni waqt l-adozzjoni tagħhom, għandu jitfakkar li talba mressqa skont l-Artikolu 163 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja hija intiża sabiex jinkiseb mill-Imħallef għal miżuri provviżorji mhux l-annullament retroattiv ta' digriet li ta miżura provviżorja, iżda biss l-emenda jew it-tħassir tiegħu, peress li l-Imħallef għal miżuri provviżorji jista' jikkunsidra mill-ġdid, għall-futur biss, tali digriet, inkluż, jekk ikun il-każ, billi jevalwa mill-ġdid, fid-dawl taċ-ċirkustanzi eżistenti fid-data tad-deċiżjoni tiegħu, motivi ta' fatt u ta' liġi li *prima facie* ġġustifikaw l-għoti tal-miżura provviżorja inkwistjoni (ara d-digriet tad-19 ta' Mejju 2022, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Polonja (Minjiera ta' Turów), C-121/21 R, mhux ippubblikat, EU:C:2022:408, punt 22 u l-ġurisprudenza ċċitata).

52 Minn dan isegwi li talba mressqa skont din id-dispożizzjoni ma jistax ikollha l-għan li tikkontesta l-effetti passati ta' digriet li ta miżura provviżorja (digriet tad-19 ta' Mejju 2022, Ir-Repubblika Ċeka vs Il-Polonja (Minjiera ta' Turów), C-121/21 R, mhux ippubblikat, EU:C:2022:408, punt 23).

53 Kif tfakkar fil-punt 18 iktar 'il fuq, permezz tal-punt 113 tad-digriet tal-21 ta' April 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u Ħajja Privata tal-Imħallfin) (C-204/21 R-RAP, EU:C:2023:334), l-ammont tal-pagamenti ta' penalità imposti mid-digriet tas-27 ta' Ottubru 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:878), tnaqqas għal EUR 500 000 kuljum għall-futur, mill-21 ta' April 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u Ħajja Privata tal-Imħallfin) (C-204/21 R-RAP, EU:C:2023:334).

54 F'dan il-każ, il-partijiet jirrikonoxxu li d-digriet tal-21 ta' April 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u Ħajja Privata tal-Imħallfin) (C-204/21 R-RAP, EU:C:2023:334), għandu effett *ex nunc*. Fil-fatt, it-tnaqqis tal-pagamenti ta' penalità imposti mid-digriet tas-27 ta' Ottubru 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:878), kellu effett biss għall-futur. Għaldaqstant, dan it-tnaqqis jikkonċerna biss l-ammonti dovuti mill-21 ta' April 2023 u mhux dawk dovuti għall-perijodu preċedenti.

55 Madankollu, il-partijiet ma jaqblux dwar il-kwistjoni tal-portata tar-rwol tal-Kummissjoni, bħala istituzzjoni responsabbli għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni konformement mal-Artikolu 317 TFUE, fl-implimentazzjoni tal-pagamenti ta' penalità ordnati skont l-Artikolu 279 TFUE. Ir-Repubblika tal-Polonja tqis li l-Kummissjoni kienet obbligata, bis-saħħa tad-digriet tas-27 ta' Ottubru 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:878), li jimponi l-pagamenti ta' penalità inkwistjoni, li tistħarreġ il-grad ta' implimentazzjoni tal-miżuri provviżorji u li teħodhom inkunsiderazzjoni fid-deċiżjonijiet ta' tpaċija tagħha, filwaqt li, skont il-Kummissjoni, hija ma kinitx awtorizzata tirrinunzja unilateralment li tikkalkola pagamenti ta' penalità ta' kuljum, u lanqas li tnaqqas l-ammont tagħhom.

56 F'dan ir-rigward, fir-rigward tal-obbligi tal-Kummissjoni, għandu jiġi enfasizzat li t-Trattat FUE ma jistabbilixxix il-modalitajiet ta' eżekuzzjoni tal-ħlas tal-pagamenti ta' penalità imposti skont l-Artikolu 279 TFUE.

57 Madankollu, sa fejn, bis-saħħa tal-Artikolu 279 TFUE, l-Imħallef għal miżuri provviżorji jikkundanna Stat Membru jħallas lill-Kummissjoni pagamenti ta' penalità ta' kuljum u sa fejn, bis-saħħa tal-Artikolu 317 TFUE, il-Kummissjoni timplimenta l-baġit tal-Unjoni, hija din tal-aħħar li għandha tirkupra s-somom li jkunu dovuti lill-baġit tal-Unjoni b'eżekuzzjoni tad-digriet li jimponi l-ħlas ta' dawn il-pagamenti ta' penalità, konformement mad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti adottati b'eżekuzzjoni tal-Artikolu 322 TFUE.

58 F'dan il-każ, id-digriet tas-27 ta' Ottubru 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:878), stabbilixxa l-ammont tal-pagamenti ta' penalità ta' kuljum, li baqa' ma nbidilx sad-data tal-21 ta' April 2023, kif ukoll it-tul li matulu kienu jiddekorru dawn il-pagamenti ta' penalità. B'mod partikolari, hija ffissat, bħala l-punt tat-tluq tal-pagamenti ta' penalità, id-data tal-komunikazzjoni ta' dan id-digriet u, bħala terminu, il-jum li fih ir-Repubblika tal-Polonja kkonformat ruħha b'mod sħiħ mal-obbligi li jirriżultaw mid-digriet tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:593), jew, fin-nuqqas ta' dan, fil-jum tal-għoti tas-sentenza li ttemm l-istanza fil-Kawża C-204/21.

59 Għalhekk, mid-digriet tas-27 ta' Ottubru 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:878), jirriżulta li l-pagamenti ta' penalità huma dovuti u li, għaldaqstant, il-Kummissjoni hija obbligata tiżgura l-irkupru tagħhom, sakemm ir-Repubblika tal-Polonja ma tkunx wettqet kompletament l-obbligi elenkati fil-punt 1(a) sa (e) tad-dispożittiv tad-digriet tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:593).

60 B'kuntrast ma' dan, mid-digriet tas-27 ta' Ottubru 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:878), ma jirriżultax li l-Kummissjoni kienet awtorizzata tnaqqas l-ammont tal-pagamenti ta' penalità ta' kuljum fil-każ ta' eżekuzzjoni parzjali. Barra minn hekk, ir-rikonoxximent lill-Kummissjoni tal-possibbiltà, jew saħansitra tal-obbligu, li taġġusta l-ammont tal-pagamenti ta' penalità ta' kuljum skont il-livell ta' eżekuzzjoni, mir-Repubblika tal-Polonja, tal-obbligi li jirriżultaw mid-digriet tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja

(C-204/21 R, EU:C:2021:593), iqiegħed inkwistjoni l-awtorità tad-digriet tas-27 ta' Ottubru 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:878), li permezz tiegħu l-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja ffissa l-ammont tal-pagamenti ta' penalità ta' kuljum għal EUR 1 000 000.

61 Kif tfakkar fil-punt 10 iktar 'il fuq, il-Kummissjoni, fl-ittra tal-20 ta' Lulju 2022, qieset li, minkejja l-progress imwettaq, il-Liġi tad-9 ta' Ġunju 2022 ma kinitx tiżgura l-eżekuzzjoni sħiħa tal-obbligi li jirriżultaw mid-digriet tal-14 ta' Lulju 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:593), fatt li barra minn hekk ġie kkonfermat mill-Imħallef għal miżuri provviżorji fid-digriet tal-21 ta' April 2023, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (Indipendenza u Ħajja Privata tal-Imħallfin) (C-204/21 R-RAP, EU:C:2023:334). Fin-nuqqas ta' konstatazzjoni ta' eżekuzzjoni sħiħa tal-obbligi msemmija iktar 'il fuq, il-Kummissjoni, ġustament, ipproċediet għall-eżekuzzjoni tal-pagamenti ta' penalità fl-ammont sħiħ tagħhom għall-perijodu mill-15 ta' Lulju sat-28 ta' Ottubru 2022.

62 Barra minn hekk, l-argument tar-Repubblika tal-Polonja li jgħid li l-eżekuzzjoni tal-pagamenti ta' penalità fl-ammont sħiħ tagħhom għall-perijodu mill-15 ta' Lulju sat-28 ta' Ottubru 2022 kienet tmur kontra l-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ugwaljanza quddiem il-liġi għandu wkoll jiġi miċħud. Fil-fatt, tali argument jimplika li l-Kummissjoni kienet awtorizzata teżerċita stħarriġ tal-proporzjonalità fir-rigward ta' digriet għal miżuri provviżorji tal-Viċi President tal-Qorti tal-Ġustizzja u taġġusta l-ammont tal-pagamenti ta' penalità imposti, u b'hekk tqiegħed inkwistjoni l-awtorità ta' tali digriet. Issa, ebda dispożizzjoni tat-Trattat jew tad-dritt sekondarju ma tista' tiġi interpretata bħala li tagħti tali setgħa lill-Kummissjoni.

63 Barra minn hekk, sa fejn ir-Repubblika tal-Polonja tallega l-ksur tal-prinċipju ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva stabbilit fl-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, għandu jitfakkar li hija kellha, mill-15 ta' Lulju 2022, id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Liġi tad-9 ta' Ġunju 2022, rimedju ġudizzjarju li jippermetti li l-Imħallef għal miżuri provviżorji jintalab iħassar jew inaqqas il-pagamenti ta' penalità ta' kuljum skont l-Artikolu 163 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Issa, hija ma ressqitx talba intiża sabiex tirrevoka jew temenda d-digriet tas-27 ta' Ottubru 2021, Il-Kummissjoni vs Il-Polonja (C-204/21 R, EU:C:2021:878), skont dik id-dispożizzjoni, immedjatament wara d-dħul fis-seħħ tal-Liġi tad-9 ta' Ġunju 2022, iżda biss fl-10 ta' Marzu 2023.

64 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, għandu jiġi konkluż li l-eżami tal-motivi ppreżentati mir-Repubblika tal-Polonja insostenn tat-talba tagħha, ifformulata sussidjarjament, għall-annullament parzjali tad-deċiżjonijiet ikkontestati ma żvela ebda ksur tal-Artikolu 279 TFUE jew tal-Artikoli 101 u 102 tar-Regolament Finanzjarju, moqrija flimkien mal-Artikolu 98 tal-istess regolament, u lanqas tal-prinċipji ta' proporzjonalità, ta' ugwaljanza quddiem il-liġi jew ta' protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

65 Għaldaqstant, hemm lok li jiġi miċħud il-kap tat-talbiet intiż għall-annullament parzjali tad-deċiżjonijiet ikkontestati kif ukoll ir-rikorsi kollu kemm huma.

Fuq l-ispejjeż

66 Skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, jekk dawn ikunu ntalbu.

67 Peress li r-Repubblika tal-Polonja tilfet, hija għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż, konformement mat-talbiet tal-Kummissjoni.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI ĠENERALI (It-Tieni Awla Estiża),

taqta' u tiddeċiedi:

1) Il-Kawżi T-830/22 u T-156/23 huma magħqudin għall-finijiet tas-sentenza.

2) Ir-rikorsi huma miċħuda.

3) Ir-Repubblika tal-Polonja hija kkundannata għall-ispejjeż.

Marcoulli Schwarcz Tomljenović

Valasidis Spangsberg Grønfeldt

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fil-5 ta' Frar 2025.

Firem